MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 33**

**It-Tnejn, 18 ta' Mejju 2026**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 18 ta' Mejju 2026 fis-6:00 ta filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**33.1 Talba;**

33.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-06:00 ta filgħaxija, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**33.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT33.10, Għawdex*
*Tel: 25558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

TA LC

33.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Ivana Mizzi u l-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

**33.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

33.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 31 u 31 ġew ċirkulati u moqrija.

33.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezjonjijiet għall-minuti.

33.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**33.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

33.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 25/2026 għall-perjodi bejn is-21 ta' April u t-18 ta' Mejju 2026 li tammonta għal €102,814.68 ġiet approvata u iffirmata.

**33.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

33.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, informa lil membri li l-*gate* tal-*Playing field* tinsab kwazi lesta, hu informa li se tkun qed tiġi mwaħla kif titlesta izda iz-zebgħa ser tkun qed issir wara.

33.5.2 Is-Sindku xtaq jikkonferma li l-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana aċċettaw li jikkolaboraw mall-Kunsill Fontana u ntellaw l-attivita' *Milied fl-Għejjun* flimkien. Għalhekk u talab lill membri biex jara għadhomx ta l-istess fhema fuq din l-*idea* li ħarġet wara il laqgħa tax-xahar ta' Marzu. Wara li l-membri preżenti qablu, is-Sindku ikkonferma li l-ispiza għal-iskema SPI/SCI/03/2026 ser tkun madwar €18,000. L-ispiza tinkludi ukoll l-armar tad-dwal tat-toroq li jista jkun li jsir permezz ta *Call for Quotations* (dan se jiġi deċiz meta jkollna konferma kemm il *set* hu rrakomandat u addattat għat-toroq tagħna). Hu informa lill membri li l-finanzjament tal-iskema hu sa massimu ta €15,000 u għalhekk il-Kunsill se jkun responsabli biex jiffinanzja id-differenza. Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni, u qablu li napplikaw.

**33.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



TM LC

33.6.1 Il-kunsillier Joseph Mercieca xtaq jwassal suġġeriment li rċieva dwar kors baziku tal-ħjata għaz-zagħzagħ. Dan il-punt ġie diskuss u se nkunu qed naraw nsibux persuni addattati biex jagħmel dan it-tip ta kors.

33.6.2 Il-kunsillier Carmelo Micallef xtaq jiġbed l-attenzjoni għas-*sign* tal-Fontana Playingfield. Is-segretarju infurmat lil membri li diġa sar kuntatt mal-persuna li għamlet ix-xogħol biex taghtina stima tax-xogħol li hemm bzonn issir fuq l-ittri msemmija.

33.6.2.1 Il-kunsillier Carmelo Micallef ressaq ukoll ilment li rċieva dwar żewġ toqbiet kbar li hemm fil konkos ġo Triq il-Ħarrub. Wara diskussjoni fuq dan il-punt ġie deċiz li naraw kemm tiġina din l-ispiza.

33.6.3 Il-kunsillier Horace Micallef ġibed l-attenzjoni tal-kunsill dwar żewġ toqbiet hdejn il-mina li għandhom bzonn ftit asfalt.

### 33.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;

33.7.1 Is-Segretarju infurmat lil membri li kellha rikjesta minn persuna biex jarma bi *stall* tal-ikel waqt l-attivita' *Summer of Culture*. Is-Segretarju infurmat li f'dan l-istadju *stall* waħda biss hemm tal-ikel. Il-kunsill approva u l-kunsill ser ikun qed jagħmel kuntatt ma din il-persuna biex jsir il-permess meħtieġ.

33.7.2 Is-Segretarju infurmat lill membri li resident li joqgħod "St Juliance Residences" għamel talba biex *s-sign* biex ma jsirx parkeġġ ta trakkijiet ġiet irrolokata peress li din ġiet installata ezatt quddiem il-bieb tal-entratura tiegħu. Ġie deċiz li ngħaddu dan l-ilemt lil TM peress li kienu huma li waħħlu din it-tabella.

33.7.3 Is-Segretarju infurmat lil membri li rċiviet rikjset mingħand persuna biex jkun jista jarma *stall* tal-ġelat (silġ) matul il-festa. Wara diskusjoni ġie deċiz li napprovaw din it-talba wara li saret diskussjoni u ġie approvat li l-gabbani jerġaw jiġu armati fl-istess post li kellhon allokat is-sena l-oħra

33.7.4 Is-Segretarju resqet talba mingħand persuna li xtaqet li waqt l-attivita *Summer of Culture* tagħmel ġabra għal-ALS. Saret diskussjoni biex jinstab post addattat fejn inkunu nistaw narmaw mejda u siġġu għal dan il-għan. Il-kunsill ser jkun qed jagħmel kuntatt magħha bil-post allokat.



TM LC

33.7.5 Is-Segretarju infurmat lill membri li l-kunsill rċieva stedina uffiċjali mingħand il-kappillan għal-pontifikal tal-festa. Is-segretraju talbet lil membri jikkonfermaw minn jixiteq jattendi. Hi ziedet ukoll li l-istedina tinkludi ukoll l-*partners*.

33.7.6 Is-Segretarju resqet talba mill-paroċċa biex il-kunsill jgħin fl-ispejjez ta *Train Ride* għat-tfal li ser issir fit-18 ta' Ġunju. L-ispiza hi ta madwar €300. Il-kunsill iddiskuta din il-proposta u ġie konkluz li napprovaw din it-talba.

33.7.7 Is-Segretarju xtaqet tinforma lil membri li rċivejan l-istima tal-kiri ta siġġijiet għal-lejliet u nhar il-festa. Wara li ġiet imresqa l-istima ġie deċiz li nordnaw 40 siġġu.

33.7.8 Is-Segretarju resqet quddiem il-membri zewġ kontijiet wieħed tal-Wasteserv li kien dwar ġbir ta skart organiku li kellhom kont pendenti ta € 1,196.52. Il-kont l-ieħor kien tal- Water Services €25.63. Daw il-kontijiet ilhom pendendti mit-2003 u kull darba li nagħlqu is-sena dawn jibqaw jidhru pendenti, biex dawn il-kontijiet jitneħħew minn fuq l-accounts tagħna trid titieħed deċizjoni mill-kunsill. Is-Segretrarju infurmat lil membri li dwar il-kont tal-Wasteserv il-kumpanija li kienet responsabli minn dan ma għadix topera. Dwar il-kont tal-Waterservices, wara li s-segretarju talbet lil kumpanija biex jiġi imħallas l-kont, irċevit konferma li dan il-kont kien imħallas u wara li ddiskutit din l-email mal-accountant dan ikonferma li seta kien hemm ġara li l-pagament kien ġie ibbilanċjat ma kontijiet oħra. Wara diskussjoni ġie deċiz li dawn jiġu miktuba bħala "write off".

33.7.9 Is-Segretarju resqet quddiem il-membri zewġ *Board Resolutions.* L-ewwel *resolution* kienet biex il-Kunsill jkun jista' jipproċessa l-pagamenti tal-*bank transfers* bħala *bulk payments,* Dan il-proċess minbarra li jiffranka ix-xogħol amminstrattiv li jsir pagament individuali għal kull persuna, dan ser ikun qed jiffranka ukoll spejjez amminstrattivi tal-bank. Wara l-approvazzjoni u l-ffirmar ta din ir-*resolution* jiġi iffirmat kuntratt mis-Sindku u s-Segretarju. Ir-*resolution* l-oħra hi rigward l-attivta' *Summer of Cultrue* u għal din l-attivita' hemm bzonn *Bank Guarantee.* Il-membri approvaw li nipproċessaw dawn il-*Board Resoulution.*

33.7.10 Is-Segretarju aġġornat lil membri dwar il-proċess tal-*live streaming.* L-ispejjez involuti huma ta *one time payment* tal-*hosting* €700 u l-*yearly fee* hi ta €250. Il-membri qablu li niproċedu.

KUNSILL LOKALI FONTANA



1M CC

33.7.11 Is-Segretarju infurmat lil membri li din is-sena ġie irrakomandat mid-Dipartiment li naqilbu is-sistema tal-*accounting*. Ġiet mgħotija l-possibilita li din issir din is-sena jew is-sena id-dieħla. Is-Segretarju iddiskutiet l-possibiltajiet kemm mall-kollegi, l-accountant u anke ma persuni mid-dipartiment, u wara ġabret l-sitimi tas-sistemi. Is-sistema li qed naddottaw ser tkun *cloud based.* Hi ipprezentat l-istmi u intgħazlet is-sistema li tiswa €300 għal installation u *fee* €65 kull xahar. Hi talbet lil membri jekk jikkonfermax li nibdew is-sistema din is-sena jew is-sena d-dieħla. Il-membri qablu li nibdew din is-sena biex b'hekk il-kunsill jkollu aċċess kontinu għal figuri finanzjarji.

33.7.12 Is-Segretarju infurmat lil membri li għal-Elezzjoni l-latrina publika ser tinzam magħluqa. L-armar fis-sala għal-votazzjoni ser issir minn nhar l-Erbgħa il-quddiem. Hi infurmat li kien hemm bzonn titranga is-sellatura tal-bieb li mis-sala jagħti aċċess għal-taħt it-taraġ peress li dan ser ikun l-aċċess għal dawk li ser jkunu responsabli mill-votazzjoni fis-sala dakinhar tal-elezzjoni.

33.7.13 Is-Segretarju ippreżentat din il-lista ta korrispondenza li ġew iċċirkulati mill-aħħar laqgħa sad-data ta din il-laqgħa :

| Date sent | From | Title |
|---|---|---|
| 21/04/2026 | EUI-URBACT | Urban Newsletter - Vol. 2/2026 |
| 22/04/2026 | Kayleigh Farrugia | Request for Meeting - APERTURE is an EU-funded project focused on innovation, sustainability, and entrepreneurship in the built environment, including areas such as AI, IoT, and smart city solutions. |
| 23/04/2026 | AIMS | AIMS - GOZO REGIONAL FORUM - 25TH APRIL 2026 |
| 23/04/2026 | Reġjun Għawdex | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 28/04/2026 | Michele Oltramari | Proposal for Weekly Technology Classes for Senior Citizens in Fontana |
| 28/04/2026 | AKL | Cir AKL 2026/030_OHSA Training Sessions for Local Councils |
| 28/04/2026 | GRDA | Request for Recommendations: Local Personalities for GRDA Feature Series |
| 28/04/2026 | AKL | Cir AKL 2026/033_The ALDA International School is back: keep on making the difference! |
| 29/04/2026 | AKL | Circular AKL 2026/031 You Matter - Thriving Under Pressure_08.05.2026. |
| 29/04/2026 | Foundation Robert Schuman | What does the future hold for relations between the EU and its islands? |
| 04/05/2026 | AKL | Circular AKL 2026/0233_ALDA General Assembly 2026. |
| 05/05/2026 | AKL | Circular AKL 2026/034 – Best Rural Tourism Villages Competition. |
| 06/05/2026 | Sara Feigo | EU LIFE Project Step-WISE \| Hybrid event on decarbonization. |

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



TM LC

| | | |
|---|---|---|
| 07/05/2026 | Reġjun Għawdex | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 09/05/2026 | MWBA | Collaboration Opportunity – MWBA Outreach Project - Wheelchair Basketball Association |
| 12/05/2026 | DLG | Ċirkulari 3/2026 dwar l-*Accounting Treatment* ta' Assi Fissi *(Non-Current Assets).* |
| 14/05/2026 | EUI-URBACT | Potential Partnership Opportunity for URBACT Call for Action Networks. |
| 16/05/2026 | AKL | Circular AKL 2026/035_Call for evidence for the 2026 Annual Report on the State of Regions and Cities. |
| 16/05/2026 | AKL | Circular AKL 2026/036_Invitation: Launch of Maker Faire Malta 2026 (20 May). |
| | | **Talbiet/Ilmenti** |
| 04/05/2026 | Manuel Camilleri | Talba sabiex jarma bil-gabbana tal-ġelat fil-Festa tal-Qalb Ta' Ġesu. |
| 13/05/2026 | | Talba minn resident tal-blokka St Julian's Residence sabiex it-tabella li twaħħlet titressaq ftit żgħira peress li twaħħlet quddiem il-bieb tiegħu. |
| 16/05/2026 | Marlon Debono | Talba sabiex jarma bil-gabbana bil-pizzez waqt l-attivita Summer of Culture. |
| 16/05/2026 | Josephine Psaila | Talba sabiex waqt l-attivita Summer of Cultures ikollha post allokat sabiex tkun tista tilqa' d-donazzjonijiet għal ALS. |

**33.8 Attivitajiet fil-ġimgħat li ġejjin;**

33.8.1 Is-Sindku talab lil membri jiddiskutu l-prezz għal-Festa Anzjani 2026. Ġie deċiz li nagħmlu l-prezz għal dawk mhux residenti fir-raħal li jkun l-istess prezz li se jkun l-menu. Hu talab approvazzjoni biex din is-sena nistiednu lil Dun Ruzar għal din l-attivita', il-membri qablu unanimament.

33.8.2 Is-Sindku informa lil membri li għal attivita' *Summer of Culture* mixi kollox fil-ħin u kollox ikofermat. Hu izda xtaq jinforma lil membri dwar sitwazzjoni li nqlat dawn il-ġranet u li tirrigwarda l-festuni tad-dawl u l-Għaqda Armar. Hu ikkonferma li l-Kunsill irċieva stima ta €940. Wara saret diskussjoni u ġie deċiz li l-kunsill jitlob revizzjoni tal-istima. Is-Sindku iddiskuta ukoll l-problema li qed jaffaċċja rigward iz-zarmar tal-palk wara l-attivita' ġie deċiz li nċemplu lid-Direttur tas-sezzjoni peress li fil-prezent dan ser jizzarma nhar it-Tnejn u jekk ma naslux għal-arranġament naraw lil min nistaw nqabbdu biex izarma l-palk wara l-attivita'. Hu ikkonferma li rnexxilu jikseb il possibilità li jikri l-għalqa ta wara l-belvedere għal prezz ta €200, il-membri qablu li tinkera.

33.8.3 Festa Tfal – minħabba tibdil fil-program u d-data b' effet tal-elezzjoni, ġie diskuss l-possibilta' li ssir quddiesa qabel il-marċ is-Sibt filgħodu, u wara nordnaw bouncing castle u ngibu popcorn stand u nagħtu lit-tfal



TM LC

juice u coloring book relatat mal-festa tal-Fontana. Kien hemm qbil u għalhekk il-programm seta jiġi diskuss mal-paroċċa.

## 33.9 Aġġornament tal-proġetti;

33.9.1 Is-Sindku informa lil membri li fil-ġranet li ġejjin ser jibda il-proċess biex jissaqqaf iċ-Ċentru Ċiviku, għalhekk sal-festa se jkun intemm il-proċess tal-bini. Hu informa li fil-prezent il-Kunsill qiegħed iħejji biex joħroġ it-tender għal-finishing kif kien deċiz mill-kunsill fil-laqgħat li għaddew.

33.9.2 Is-Sindku informa lil membri li l-proġett ta' *Taħt ir-Railing* kien wieqaf peress li kien hemm xi problemi bil-qisin tal-kanen li kienu pjanati u li ma kienux jaqblu ma dawk li kien hemm installati. Ser jiġi l-perit tal-proġett fil-jiem li ġejjin biex jikonferma kif għandu jipproċedi l-kuntrattur. Il-kunsill fil preżent qiegħed jara li x-xogħol tal-ħadid jiproċedi sabiex kif jitlesta l-proġett ikun jista jiġi inawgurat.

33.9.3 Is-Sindku informa lil membri li d-deċizjoni tal-Planning Authority fuq l-applikazzjoni tar-restawr tal-Għajn il-kbira ser tiġi diskussa għada id-19 ta' Mejju. Hekk kif tkun approvata ser jibda l-proċess biex jinħareġ it-*tender* għal dan ir-restawr.

## 33.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-08:35 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar il-Erbgħa 17 ta' Ġunju fit-06:00 p.m.

Konfermati, llum, il-Erbgħa, 17 ta' Ġunju, 2026.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv